# Aħbarijiet mill-Iskola



- Ix-xahar li għadda, l-istudenti mir-Raba' sas-Sitt Sena għamlu l-eżamijiet. Mir-riżultati li ħarġu jidher ċar li kien sforz tajjeb min-naħa tat-tfal u nixtiequ li dawn jibqgħu jaħdmu sabiex jibqgħu fit-triq li qabdu.

- Fil-bidu tax-xahar daħlu magħna tfal ġodda tal-Kindergarten li qegħdin ma' Ms. Azzopardi. Dawn it-tfal diġa qed jidraw is-sistema tal-iskola u qed jattendu b'mod regolari l-Assembly flimkien mal-bqija tal-iskola.

- Attività li t-tfal kollha kienu qed jistennew bil-ħerqa kienet dik tal-Karnival, fejn kull klassi pparteċipat bi żfin u kant fis-sala tal-iskola. Magħna kellna wkoll lill-istudenti tar-Resource Centre Helen Keller li ferħuna biż-żifniet u l-crafts tagħhom. Marianne u l-membri tal-Kunsill Skolastiku taw il-kontribut tagħhom bl-Innu tal-Karnival u bi żfin ieħor.

- Fl-1 ta' Marzu għandna Jum il-Ġenituri fejn l-għalliema jistiednu lill-ġenituri sabiex jiddiskutu magħhom il-progress tat-tfal. Nistiednu lill-ġenituri u lill-kustodji sabiex ma jitilfux din l-okkażjoni.

- Matul ix-xahar ta' Marzu, kull nhar ta' Ġimgħa se jkollna l-preżenza tal-Perit Ms. Attard li se taħdem fuq proġett mal-istudenti smir-Raba' sas-Sitt Sena bit-titlu ta' *'Children for the Built Environment.'* Dawn se jkunu qegħdin jaħdmu sabiex itejbu l-ambjent tal-iskola.

- Il-Kappillan tal-Parroċċa Fr. Mario se jkun qed jagħmel l-Eżerċizzji Spiritwali għat-tfal tal-Iskola. Dawn se jsiru fl-aħħar ġimgħa ta' Marzu u jispiċċaw b'quddiesa li għaliha jista' jattendi kulħadd.




# Coffee Morning

**POST: L-ISKOLA PRIMARJA TAL-QRENDI**

**META: NHAR L-ERBGĦA 21 TA' MARZU 2012**

**PREZZ: €4.00**

**Biex tinkitbu kellmu lill-membri tal-Kunsill Skolastiku jew għand *Maria Stationery* sa nhar l-Ġimgħa 16 ta' Marzu.**